**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEGISLATURA 2008 - 2013

**SEDUTA NUMRU 46 - Aggornament**

Il-ĦAMIS 30 ta' Awwissu 2012 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREZENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VICI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERI

i Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ppropona li ssir skip bil-katnazz għal użu tas-sidien tal-yachts. Ġie deċiż li ninfurmaw lill-Awtorita Maritima dwar dan.

ii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti reġa' tkellem dwar il-ħtieġa li jiġi rivedut l-avviż legali li jitrattta ir- Resident Parking Scheme. Huwa qal li fuq ir-rampa issa qed tinħass il-ħtieġa li din l-iskema tiġi mplimentata hemmhekk ukoll. Il-Kunsillier E. Mucsat qal li huwa tkellem ma' xi residenti dwar din il-materja u dawn infurmawh li l-ikbar problema hija fil-*weekends* u għalhekk bis-sistema kif inhi mhu se jiggwadanjaw xejn. Il-Kunsillier Frank Roe qal li huwa għamel spezzjoni s- Sibt li għadda filgħaxija u f' din iż-żona kien hemm biss ipparkjati erbgħa karozzi. Is- Sindku qalet li din il-problema inqalgħet għax bħalissa qiegħed issir l-embellishment fix-Xatt. Hija ppproponiet li jekk kif jiġi konkluż il-proġett, il-Kunsill jagħmel laqgħa apposta dwar din il-materja. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Il-Kunsill iddiskuta wkoll ix-xewqa tar-residenti li Residents' Parking Scheme fi Triq Prinċipessa Margerita ssir tul it-triq kollha fi triq waħda. Peress li jista' jirriżulta li b' din il-miżura jitnaqqas il-parking, il-Kunsill qabel li din il-materja tiġi diskussa wara li jkun sar stħarriġ.

iii Is- Sindku rreferiet għat-tower crane li ġie installat fi Triq Sr Augustus Bartolo u nfurmat li r-rata se tkun ta' €2.33 kuljum.

iv Is- Sindku ppreżentat ir-rapport tal-Bord ta' l-Għażla għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv. Hija nfurmat li ma kien hemm ħadd nstab adekwat għal din il-kariga. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u kien hemm qbil unanimu li terġa' ssir sejħa oħra fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru.

v Il-Kunsillier E. Muscat informa li l-Gvern se jagħmel it-tarmak fi Triq Testaferrata u anke se jinbdilu s-servizzi ta' l-ilma. Huwa nforma wkoll li se jsir tarmak fix-Xatt (bejn il-Mammia Mia Restaurant u l-White Hall Mansions).

vi Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ġibed l-attenzjoni li WSC mhux qed jagħlqu t-trinek mhux qed jingħalqu kif suppost. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li niktbulhom dwar dan u nżommuwha responsabbli dwar dan. Koppja ta' din l-ittra għandha tintbagħat lil Transport Malta.

vii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ddeplora l-fatt li Transport Malta ma konsultawx lill-Kunsill dwar l-għeluq ta' toroq fil-ġranet tal-festa ta' l-Imsida. Is- Sindku qalet li minkejja dan, il-Pulizja bdew iħallu r-residenti ta' Ta' Xbiex jgħaddu.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
A.Segretarju Ezekuttiv

## II KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERI - ikomplu

viii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrefera għal Youth in Action Programme iffinizjajt mill – EU. Huwa ppropona li l-Kunsill għandu jerġa' jipparteċipa. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

ix Is- Sindku rreferiet għall-applikazzjoni li l-Kunsill issottometta lil AKL biex flimkien ma' xi Kunsilli oħra napplikaw għall-fondi mill-EU (PPCD) enerġija alternativa. Hija nfurmat li peress li l-proġett ta' Ta' Xbiex kien għall-installazjoni ta' photovoltaic panels, din ma ġietx aċċettata minħabba li dawn ma jaqgħux taħt din l-iskema.

X Is- Sindku nfurmat li b'arranġent ta' l-AKL, mill-ewwel ta' Settembru li ġej mhux se tibda' tirrilaxxa l-garanzija bankarja ta' kuntratturi li jkunu qed iwettqu xogħlijiet infrastruturali/ żvillup qabel ma jkun hemm l-awtorizazzjoni tal-Kunsill. L- Awtorita' se tkun iffirmata mis- Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

xi Il-Kunsill talab li jsir maintenance agreement ma' Pantalesco dwar il-Photovoltaic Panels li ġew installati fuq il-blokk E1.

xii Il-Kunsillier E. Muscat ikkumenta dwar is-servizz tal-knis. Huwa qal li minkejja li ġibed l-attenzjoni kemm-il darba fi Triq il-Prinċipessa Margerita qatt ma jinkisu iż-żewġ naħat tat-triq f'daqqa. Il-Viċl Sindku qal li huwa spezzjona l-lokalita' flimkien ma' Sur T. Teuma, Operations Supervisor u rriżulta li t-toroq qed jiġu miknusa sew. Il-Kunsillier Frank Roe, li l-bieraħ 29 ta' Awwissu 2012 huwa spezzjona l-lokalita' u anke għamel ir-rotta mal-kennies (peress li huwa ġdid) u vverifika li fi Triq Prinċipessa Margerita saru iż-żewġ naħat fit-triq.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
A.Segretarju Ezekuttiv

## VI APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i L-iskeda tal-pagament li kienet ġiet iċċirkulata minn qabel, ġiet approvata. Ġie approvat ukoll il-Petty Cash.

Il-laqgħa spiċċat fit-20:00 u sar aġġornament għal nhar il-Erbgħa 26 ta' Settembru 2012 fil-17:30.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Ezekuttiv